SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12
Tel: 21 375376, 21 373111 Fax: 21 373444
*e-mail:* sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 02/K5/05

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 26/04/'05 191**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 26/04/'05 244**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar it-Tlieta 26 t'April 2005.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-4.00 p.m.

1.03 Preżenti: Seba' membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Kien hemm preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-21 t'April 2005. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Residents' Parking Scheme
4. Approvazzjoni tal-Financial Statements
5. Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report
6. Ħatra ta' Sotto Kumitati / Kumitati
7. Servizzi Elettroniċi Lokali
8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 1/K5/05 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 1/K5/05.

1.3.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondaha.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 1142 & 767 | Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokal u e-mail mingħand il-Malta Maritime Authority rigward żona ta' l-għawwiema. |
| 872 | Memo mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Kuntratti / Skritturi mhux skond il-liġi. |
| 1077 & K333 | Ittra mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport u ittra li bagħat il-Kunsill rigward lista ta' toroq ġodda li għandhom bżonn kostruzzjoni. |
| 1080 | Ittra mingħand The Malta Horticultural Society rigward parteċipazzjoni f'esebizzjoni. |
| 1118 | Ittra mingħand il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma rigward resurfacing ta' Triq Manwel Dimech (in-naħa t'isfel). |
| 1299 & 1351 | Ittri mingħand is-Sinjuri Bayram Kokgu, Murat Kilig u Ismail Guclu rigward talba għal permess biex jagħmlu Hena Tattoo fit-toroq imsemmija fl-ittra. |
| 1418 | Ittra mingħand il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma rigward resurfacing of roads and upgrading of pavements f'San Ġiljan. |
| 1509 | Ittra mingħand is-Sur Joseph Farrugia dwar l-ispejjeż varji ta' Lm1 aktar fuq kull tabella tar-Residents' Parking. |
| 1567 | E-mail mingħand l-ASKLM rigward konferenza e-Government f'Ċipru. |
| 1617 | Ċirkolari mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward polza ta' assigurazzjoni tal-Kunsilli Lokali skond l-Att dwar il-Kunsilli Lokali. |
| 1308, 1352 & | Ittri u quotations mingħand l-Island Insurance Brokers Ltd rigward l-insurances tal-Kunsill. |

1796

1691 & 1692 Ittri mingħand l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta rigward 'one-way downhill Pembroke / San Ġiljan' – Triq il-Ġdida.

1723 Ittra mingħand il-Koperattiva Nazzjonali tas-Sajd Ltd rigward talba biex is-Sur Gejtu Borg jitħalla jħalli l-van tiegħu fix-Xatt tas-Sajjieda kif kien jagħmel qabel.

1745 Ittra mingħand is-Sur Kevin Chircop sid Anglers Restaurant rigward talba għall-permess biex iwaħħal barriers.

1754 Ċirkolari mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward Skema ta' Saħħa għall-Kunsillieri, Segretarju Eżekuttivi u Ħaddiema Klerikali.

1759 E-mail mingħand il-Wasteserv Ltd rigward 'waste cooking oil pilot project from households'.

1814 Ittra mingħand Sant and Mugliette rigward il-bankina f'Telgħet Birkirkara.

1810 Ittra mingħand il-Kumitat Festa San Ġiljan rigward talba biex issir laqgħa magħhom fuq 'St. Julian's – John Memorial – Athletics Road Race'.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nru 1077 u K333

B'riferenza għall-ittra mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport u l-ittra li bagħat il-Kunsill rigward lista ta' toroq ġodda li għandhom bżonn kostruzzjoni ġie deċiż unanimament li mal-lista li diġa ntbagħtet jitniżżlu:-

- ✓ Triq ir-Rampa ta' San Ġiljan
- ✓ In-naħa ta' fuq ta' Triq San Mark
- ✓ Partijiet minn Triq il-Kbira (in-naħa ta' fuq u n-naħa t'isfel)
- ✓ l-area ta' Ta' Ġiorni li tinkludi :- Triq George P. Badger, Triq Diodorus Siculus, Triq Schemerhorn, Triq Abbe De Vertiot, Triq William Hardman, Triq Francesco Balbi, Triq Jean Houel, Triq Bertha K. Ilg, Triq Andre Maurois, Triq Carlo Zabbarella, Triq Hans Stumme, Triq Eric Brockman, Wesgħa Agostina Savelli, Triq William Prescott.

2.03 Rif. Nru 1080

B'riferenza għall-ittra mingħand The Malta Horticultural Society rigward parteċipazzjoni f'esebizzjoni, ġie deċiż unanimament li għal sena oħra konsekuttiva l-Kunsill jipparteċipa f'esibizzjoni b' qoffa rranġata b'ħaxix ta' l-ikel u frott u wara l-esibizzjoni din il-qoffa tingħata lill-Dar tal-

Providenza. Is-Sindku għandu javviċina lis-Sur Ġanmari Vella biex issir din il-qoffa.

2.04 Rif. Nru 1299 u 1351

Saret riferenza għall-ittri mingħand is-Sinjuri Bayram Kokgu, Murat Kilig u Ismail Guclu rigward talba għal permess biex jagħmlu Hena Tattoo fit-toroq f'Paceville. Ġie deċiż unanimament li jintalab gwida mis-Supretendent Bartholomew Mula u mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar jekk għandhomx bżonn permess biex jagħmlu dan ix-xogħol u min suppost joħroġ dan il-permess.

2.05 Rif. Nru. 1418

Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma rigward resurfacing of roads and upgrading of pavements f'San Ġiljan.

2.06 Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker irreferit għall-korrispondenza 766/05, li nqrat f'laqgħa 43/K4/05, dwar l-istess suġġett.

2.07 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku Peter Bonello jidħol f'diskussjoni mal-WSC biex jintlaħaq kompromess dwar id-differenza fl-istima u jekk dan ma jkunx possibbli l-Kunsill aċċetta li jitkompla x-xogħol.

2.08 Rif. Nru 1509

B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Joseph Farrugia dwar l-ispejjeż varji ta' Lm1 aktar fuq kull tabella tar-Residents' Parking il-Kunsill qabel unanimament li dawn jitħallsu.

2.09 Rif. Nru 1567

B'riferenza għall-e-mail mingħand l-ASKLM rigward konferenza li ser issir f'Ċipru dwar l-eGovernment, ġie deċiż unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker tattendi għal din il-konferenza bl-ispejjeż għall-Kunsill.

2.10 Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lill-Kunsill.

2.11 Rif. Nru 1308, 1352 & 1796

Saret riferenza għall-korrispondenza dwar l-insurances tal-Kunsill u ġie deċiż unanimament li tingħażel il-kwotazzjoni ta' Atlas Insurance.

**2.1** Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi items 4 u 5 qabel titkompla item 2.

**2.2** Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**4 Approvazzjoni tal-Financial Statements**

4.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tad-draft 'financial statements' li l-Kunsill ser jgħaddi lill-Awditur Ġenerali biex jivverifikaw il-kontijiet sal-31 ta' Marzu 2005 (Ara Appendiċi 'A').

4.02 L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker taw spjegazzjoni.

4.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Karl Gouder ippropona li jiġi approvat il-Financial Statements sal-31 ta' Marzu 2005.

4.04 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5 Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report**

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tal-Quarterly Financial Report sal-31.03.05 (Ara Appendiċi 'B').

5.02 L-Accountant is-Sur Louis Padovani ta spjegazzjoni dettaljata ta' dan ir-rapport.

5.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report sal-31.03.05.

5.04 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ssekondah.

5.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.06 Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Louis Padovani u lis-Segretarju Eżekuttiv għax-xogħol siewi li għamlu.

5.07 Is- Sur Padovani ġie skużat fis-5.40 p.m.

**2. Korrispondenza ( tkomplija)**

2.12 Rif. Nri. 1691 u 1692

Saret riferenza għall-ittri mingħand l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta rigward 'one-way downhill Pembroke / San Ġiljan' – Triq il-Ġdida fejn ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier David Borg jiddiskuti din il-materja mas-Sindku ta' Pembroke u jinforma lill-Kunsill bi ftehim li jintlaħaq iżda jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim tiġi nfurmata l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta sabiex tieħu deċiżjoni hi.

2.13 Rif. Nru. 1723

Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Koperattiva Nazzjonali tas-Sajd Ltd rigward talba biex is-Sur Gejtu Borg jitħalla jħalli l-van tiegħu fuq il-moll fix-Xatt tas-Sajjieda kif kien jagħmel qabel. Ġie deċiż li s-Sindku jara l-korrispondenza dwar Xatt is-Sajjieda u din l-ittra flimkien mal-korrispondenza preċedenti terġa titressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill.

2.14 Rif. Nru. 1745

B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Kevin Chircop sid Anglers Restaurant rigward talba għall-permess biex iwaħħal barriers, ġie deċiż unanimament li jirreferi t-talba tiegħu lill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

2.15 Rif. Nru. 1754

B'riferenza għaċ-ċirkulari mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward Skema ta' Saħħa għall-Kunsillieri, Segretarju Eżekuttivi u Ħaddiema Klerikali ġie deċiż li l-kunsilliera kollha minbarra il-Viċi Sindku Karl Gouder jidħlu fl-iskema tas-saħħa.

2.16 Rif. Nru. 1759

Saret riferenza għall-e-mail mingħand il-Wasteserv Ltd rigward 'waste cooking oil pilot project from households'. Il-Kunsill aċċetta unanimament li jipparteċipa f'dan il-proġett iżda wera x-xewqa li fuq il-fuljett li ser jitqassam jitniżżel li dan il-proġett qed isir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

2.17 Rif. Nru. 1814

B'riferenza għall-ittra mingħand Sant and Mugliette rigward il-bankina f'Telgħet Birkirkara ġie deċiż unanimament li jsir ix-xogħol li qed jirrakkomanda il-Perit Lino Cachia.

2.18 Rif. Nru. 1810

Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Kumitat Festa San Ġiljan fejn ġie deċiż unanimament li għal sena oħra konsekuttiva il-Kunsill jipparteċipa fl-attivita' 'St. Julian's - John Bugeja Memorial – Athletics Road Race' li ser issir f'Awissu . Is-Sindku Peter Bonello ser jieħu ħsieb din l-attivita'.

**3. Residents' Parking Scheme**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja ta' pjanta kif ġie rrakkomandat ir-Residents' Parking Scheme mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (Ara

Appendiċi 'Ċ') waqt laqgħa li saret magħhom nhar it-Tlieta 19 t'April 2005, fil-preżenza tas-Sindku Peter Bonello, l-Kunsillier Robert Camenzuli u s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker.

3.02 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ l-Kunsill jaqbel mal-proposti li ressqet l-Awtorita' dwar it-Trasport rigward taż-żoni allokati għall-parkeġġi residenzjali ħlief għaż-żona ta' Paceville. Hawnhekk il-Kunsill jirrakkomanda li 80% ta' l-iskema jkun parkeġġ għar-residenti.

- ✓ Dwar **Triq Dragonara** mill-Westin Dragonara Resort sa qabel ma jibdew id-djar tar-residenti, ma jkunx hemm Residents' Parking Scheme.

- ✓ Fir-rigward ta' **Triq San Ġorġ** u **Triq Ġorġ Borg Olivier** ma jsirx ir-Residents' Parking Scheme għalissa, fuq parir ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, iżda l-Kunsill iżomm id-dritt għall-aktar taħdidiet il-quddiem.

- ✓ Fix-Xitwa din l-iskema tkun b'effett il-Ġimgħa, s-Sibt, il-Ħadd, lejliet il-festi pubbliċi u fil-festi pubbliċi mill-5 p.m. – sas-6 a.m. u fis-Sajf kuljum mill-5 p.m. – sas-6 a.m.

3.03 Il-Kunsill qiegħed jirrakkomanda li jkun hemm żmien ta' prova ta' tlett xhur għal din l-iskema.

3.04 Il-Kunsill ser jiltaqa' għal konsultazzjoni mal-G.R.T.U., mal-M.H.R.A. kif ukoll mar-residenti qabel tiġi ntrodotta s-sistema.

**6. Ħatra ta' Sotto Kumitati / Kumitati**

6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja ta' kif kienu tqassmu s-Sotto Kumitati / Kumitati fil-Kunsill preċidenti (Ara Appendiċi 'D'). Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li kien diġa għamel studju ta' kif jaħseb li għandhom jitqassmu ż-żoni u l-karigi.

6.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament it-tqassim tal-karigi u taż-żoni kif ġej:-

**Kunsilliera responsabbli għall-karigi**

| | |
|---|---|
| Is-Sindku Peter Bonello | Traffiku, Pulizija, Trasport, Sinjali tat-Traffiku, Bye Laws u Kummerċ |
| Il-Viċi Sindku Karl Gouder | Infrastruttura, Toroq, u Proġetti Ġodda |

| | |
|---|---|
| Il-Kunsillier Robert Camenzuli | Żgħażagħ, Sports, Edukazzjoni Kultura u E.U. |
| Il-Kunsillier Richard Scicluna | Turiżmu u Ambjent |
| Il-Kunsilliera Irene Borg u s-Sindku Peter Bonello | Anzjani u Attivitajiet Soċjali |
| Il-Kunsillier David Borg | Problemi Soċjali, Saħħa Pubblika u E.U. |
| Il-Kunsillier Norman Vella | Negozji Żgħar u Indafa |

**Rappreżentant fuq il-Bord rigward il-proġett pilota għall-Ħarsien tal-Widien – Wied Għomor**

Il-Kunsillier Richard Scicluna

**Xatt is-Sajjieda + Area**

Il-Kunsilliera David Borg u Richard Scicluna

**Sotto Kumitat Rħula Żgħar (Hamlets)**

Il-Kunsillier Robert Camenzuli

**Sotto Kumitat M.H.R.A.**

Il-Kunsillier Richard Scicluna
Sostitut il-Kunsillier Norman Vella

**Local Enforcement System**

Rappreżentant is-Sindku Peter Bonello
Sostitut il-Viċi Sindku Karl Gouder

**Northern Harbour District Joint Committee**

Rappreżentant is-Sindku Peter Bonello
Sostitut il-Viċi Sindku Karl Gouder

**Local e-Government**

Rappreżentant il-Kunsillier Robert Camenzuli
Sostitut il-Viċi Sindku Karl Gouder

**President tal-Kunsill Skolastiku**

Il-Kunsillier Robert Camenzuli

**Bord Editorjali**

| | |
|---|---|
| Editur | - Is-Sindku Peter Bonello |
| Proof Reading | - Il-Kunsillier Robert Camenzuli |
| | - Is-Sur John Agius |

**Sotto Kumitat għall-Kummerċ**

Is-Sindku Peter Bonello
Il-Kunsillier Norman Vella

**P.R.O.**

Il-Kunsillier Robert Camenzuli

Sabiex il-Kunsill ikun aktar viċin l-pubbliku u bi skop li jiġu indentifikati aktar malajr il-problemi taż-żona partikolar, l-Kunsill ħaseb sabiex il-lokalita' tkun maqsuma f'sitt żoni u kull żona jkollha Kunsillier responsabbli. Għaldaqstant il-Lokalita' ġiet imqassma kif ġej:-

Taqsima ta' Żoni – inkluż Kunsilliera responsabbli

**Żona Nru. 1 – Il-Kunsilliera Irene Borg u David Borg**

| | |
|---|---|
| Triq Abbe De Vertot | Triq Albert Mayr |
| Wesgħa Agonstino Savelli | Triq Andre Maurois |
| Triq Bertha K.llg | Triq Diodorus Siculus |
| Triq Eric Brockman | Triq Francesco Balbi |
| Triq George Badger | Triq Hans Stumme |
| Triq Jean Houel | Triq William Hardman |
| Triq William H. Prescott | Triq Ta' Ġiorni (in-naħa t-isfel) |
| Triq Lapsi (in-naħa ta' Merħba Pharmacy) Bini tal-Gvern | Triq Schermerhorn |

**Żona Nru. 2 – Il-Kunsillier Robert Camenzuli**

| | |
|---|---|
| Triq Ta' Ġiorni | Triq Sant Andrija |
| Triq Nicholas Monserrat | Triq Marguerite Mangion (T/Ġ fi Triq Sant' Andrija) |
| Triq Mikiel Anton Vassalli | Triq il-Baħar l-Iswed |
| T/Ġ fi Triq Mikiel Anton Vassalli | Triq Antonio Busuttil (T/Ġ fi Triq il-Baħar l-Iswed) |
| Triq il-Baltiku | Triq Claire E Engel |
| Triq Marmora | Triq il-Mediterran |
| Triq Michelangelo Cagiano | Triq il-Fraxxnu |

Triq il-Fagu
Triq Patrick Brydone
Triq Michelangelo Borg

**Żona Nru. 3 – Il-Kunsillier Norman Vella**

Triq Lapsi
Triq San Mikiel
Triq San Mark
Triq Sant' Anġlu
Triq Sant' Elija
Triq il-Karmnu
Telgħet B'Kara
Sqaq Ciantar
Triq il-Bajja
Trejqet il-Bajja
Triq Alfred Gauci (T/Ġ fi Trejqet il-Bajja)
Triq il-Kbira

**Żona Nru. 4 – Il-Viċi Sindku Karl Gouder**

Triq Ivo Muscat Azzopardi
Triq Wied Għomor
Triq il-Mensija
Triq Forrest
Triq iż-Żebbuġ
Fuq il-Ġonna (Garden Cresent)
Triq is-Sajjieda
Triq Santa Rita
Sqaq il-Lunżjata
Sqaq Lourdes
Triq Scicluna
Triq Alphonse Maria Galea (Sur Fons)
Triq l-Oleandru
Triq il-Palm
Triq it-Tamal
Triq Spinola
Triq San Ġużepp
Triq il-Qaliet
Ix-Xatt ta' Spinola
Triq Santu Wistin
Daħlet il-Ħobbejża
Triq Elia Zammit
Triq Manwel Dimech
Triq il-Karmelitani

**Żona Nru. 5 – Il-Kunsillier Richard Scicluna**

Triq Ball
Triq Dobbie
Triq Dragonara
Triq Gort
Triq il-Knisja
Triq Paceville
Triq Schreiber
Triq Wilġa
Triq San Ġorġ
Triq Luigi Apap (Trejqet San Ġorġ)
Il-Qasam ta' San Ġorġ
Ix-Xatt ta' San Ġorġ
Triq Ross
Triq Salvu Privitera
Triq Carlos S. Zabarella

**Żona Nru. 6 – Is-Sindku Peter Bonello**

Triq l-Arċisqof Romero
Triq Zammit Clapp
Triq il-Klarissi
Triq il-Qalb Imqaddsa
Triq Dun Anton Tabone (T/Ġ fi Triq il-Qalb Imqaddsa)
Triq Bonavita
Triq Angelo Pullicino
Triq is-Sorijiet
Trejqet Grenfell
Triq Dun Ġużepp Xerri
Triq B'Kara
Sqaq is-Siġra

| | |
|---|---|
| Sqaq Imrabat ( fejn mhuwiex privat) | Triq il-Kuċċard |
| Triq il-Ballut | Telgħet San Ġiljan |
| Ir-Rampa ta' San Ġiljan | Sqaq Fabri |
| Triq Ġ. Borg Olivier | Triq Furtu Selvatico |

**7. Servizzi Elettroniċi Lokali**

7.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja ta' ftehim dwar Servizzi Elettroniċi Lokali (Ara Appendiċi 'F').

7.02 Wara diskussjoni l-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona li l-Kunsill jiffirma l-ftehim biex jiġu povduti s-servizzi elettroniċi lokali u li dawn is-servizzi jingħataw ukoll mill-Millenium Chapel jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni minn Fr. Hilary Tagliaferro.

7.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Il-Kunsillier Robert Camenzuli għandu javviċina lill Fr. Hilary Tagliaferro biex jikkonferma jekk hemmx xi oġġezzjoni min-naħa tiegħu u biex jipprovdi l-post.

**8. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ġ').

8.02 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

8.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

9.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 1803 sa 1811 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ħ').

9.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn 1803 sa 1811.

9.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondaha.

9.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10. Materji Oħra**

10.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

10.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

10.03 Il-Kunsilliera Irene Borg infurmat lill-Kunsill li kienet ser torganizza tlett 'self funding activities' kif ġej:-

- ✓ Ħarġa għal Għawdex fl-okkażżjoni ta' Jum l-Omm nhar l-Erbgħa 11 ta' Mejju 2005.
- ✓ Weekend break f'Ġunju
- ✓ Barbeque f'Lulju

10.04 Il-Kunsill ma oġġezzjonax li l-Kunsilliera Irene Borg tagħmel appuntament mal-Cleansing Services Department u ma' l-Environment Landscape Consortium sabiex tindentifikalhom xi postijiet li għandhom bżonn tindif jew manutenzjoni.

10.05 Ġie deċiż li:-

- ✓ Tintbagħat ittra lill-iskejjel li jgħallmu l-Ingliż ġewwa l-lokalita' sabiex jagħmlu avviż fuq in-'notice board' tagħhom rigward il-bye-laws ta' l-2004 dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ.
- ✓ Tinbidel it-tabella tan-'no entry' li hemm fi Triq Elija Zammit għal waħda ikbar.
- ✓ Issir mera fi Triq Elija Zammit quddiem Mistral Court.

10.06 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fit-7.45 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello<br>Sindku | Helen Walker<br>Segretarju Eżekuttiv |